MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 70**

**It-Tnejn, 22 ta' April 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 22 ta' April 2024 fis-2.00 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Assenti:** Is-sur Jonathan Ċefai – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**70.1 Talba;**

70.1.1 Il-laqgħa bdiet fis-2.10 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**70.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

70.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija. – Din intbgħatet fis: 07:28 ta' filgħaxija

**70.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

70.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 65, 66, 67 u 68 li ġew ppreparati mill Aġent Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Josianne Cassar u pprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv.

**70.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

70.4.1 Nxtara l-madum biex jitwaħħal minflok dak li kien qed jinqala fit-toilets tas-Sala tal-Komunita. Is-sala ser tkun qed tintuza bħala post tal-votazjoni fl-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju.

70.4.2 L-pedestal tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu qed jinħadem. Is-sindku talab biex jingħata prezz aħjar minn dawk ikwotat inizjalment u minn tlett t'elef (€3,000.00) issa niezel għal elfejn u ħames mitt ewro (€2,500.00).

70.4.3 Wara konsultatzjoni mis-sindku mal- community police, l-uniku ġurnata identifikata li fiha nistaw norganizzaw "Festa Tfal" hi dik tas- Sibt 01 ta' Ġunju, avolja din tiġi ħmistax qabel il-festa. Din ġiet stabilita wara li ikonfermalna l-pulizija li l-għada tal-elezzjoni ma tistax issir minħabba l-puliźja ma jkunux jistaw. Il-kappillan ġie infurmat wara korrispondenza li saret magħna. Is-Sindku ippropona ukoll li dakinhar issir ukoll l-inawgurazjoni tal-Playingfield. Għada nagħmlu kuntat mal-LESA u l-Hon. Byron Camilleri biex ikunu jafu bid-data mill aktar fis peress li dawn jistaw faċilment ikunu impenjati peress li parti minnha ser titħallas mill fond tal-LESA. F' din l-attivita l-kunsill qabel li niprovdu xi entertainment għat-tfal bħal-face painting, etc. Ġie maqbul ukoll li l-banda "Allegro Celffs" timxi fuq l-istess rotta tas-sena l-oħra, li tibda minn Pjazza Sant Wistin u tispiċċa fuq iż-źuntier tal-knisja parrokjali. Għandu ukoll issir kuntatt mal-Kummissjoni Żagħźagħ Fontana biex jikkolaboraw waqt din l-attivita f' isem il-parroċċa.

70.4.4 Is- sindku ħa l-opportunita li jifraħ lis-Segretarju Ezekuttiv fil-bidu tar - rowl tagħha.

70.4.5 Inxtraw l-pots tal-qsari suppost fil-prezent inġabu biss 35 minn 40 għax daqshekk kellu in stock. Jiswew €20 il waħda, dawn ser jitwaħħlu fi Triq John Gaspard Le Merchant u Triq Kardinal Alessandro Franchi minflok dawk eziztenti li ilhom hemm madwar 23 sena u li ġratilhom ħsara bil-melħ.

70.4.6 Bgħatna ittra lil Kummissjoni Elettorali li qed naċċettaw li ssir l-vottazzjoni fis-Sala tal-Komunita;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

70.4.7 Waqt il-laqgħa mall-Community Police ġie diskuss ilmenti li qed ikollna dwar siġra ġewwa Triq tal-Għajn (quddiem tal-muturi), li l-buses il-kbar qed jaħbtu magħha. Il-pulizija ikwota fil prezenza tas-segretarju li l-legal notice jgħid li l-kunsill hu responsabli. Is-sindku ġibed l-attenzjoni li dik triq arterjali. Għalhekk taqa taħt tir-responsabilta tal-Ministeru għall-Għawdex. Il-pulizija se jikteb lid-direttur ġenerali Ms. Vicky Xuereb biex tiprovdi l-ħaddiema u l-kunsill ikopri l-ispejjez tal-high-up jekk dan ikun meħtieġ. Il-membri ġew murija ritratt das-siġra minn korrispondenza dwar dan l-ilemnt. Is-surġent Grima se jzomm il-kunsill infurmat kif se niproċedu.

70.4.8 Is-sindku informa lil membri bl-skema li ħarġet il-ġimgħa l-oħra li l-LESA flimkien mal-AKL u ser tagħti ħamsin elf (€50,000,00) lil kull reġjun. Ir-reġjun ta' Għawdex għamel available is-somma ta erbgħa t elef (€4,000.00) fis-sena għal perjodu ta sentejn lil kull kunsill biex jingħataw lura spejjez relatati ma servizz mogħti minn pulizija, membri tal-LESA u civil protection. Is-sindku irrakomanda li nistaqsu lis-sur Fabian Galea li bgħat din iċ-ċirkulari biex naraw il-knisja tal-lokal tistax tibenefika għal-ispejjeź tal-Festa. Il-proċess jitlob li l-kunsill iħallas l-ispejjez u wara jitlob rikompens tal-ispejjez lir-reġjun. Ser nistaqsu ukoll jekk nistawx nuzaw dawn il-fondi għal-Festa Tfal.

70.4.9 Bye Law – is-sindku informa lil membri, li l-avukat Dr. Mariella Silvio reġat kitbet li trid li l-bye law tiġi miktuba bil paragrafu li zdied magħha. Il-membri qablu li ngħidu lil Dr. Said (li kien hu involut fuq din is-sitwazzjoni min żmien Ms. Hiedi Grech) biex jeħles n-neċessarju bit-tentattiv li din il-bye law tgħaddi sat-tmiem ta din il-leġislatura.

70.4.10 Il-kotba li konna tajna lil Book and Art Shop ta' Ġorġ Farruġia, ġew imħallsa u ser ngħaddulu l-irċevuta. Fil-prezent baqa ħames (5) kotba għand il-Book Worm.

70.4.11 Inqalgħaw ukoll l-arcondition units minn Mr. Silvio Buttiġieġ fuq talba tal-Perit John Saliba peress li fejn kienu irrid jitla ħajt ġdid biex ma issirx taqbid mal-ħajt tas-sala biex ma tiġrix ħsara.

70.4.12 Is-sindku talab l-approvazzjoni tal-membri biex jintramew l-bankijiet li m' humiex tajbin flimkien mat-tunnel u s "sea saw" li inqalaw mill-playingfield u m'għadhomx tajbin biex jerġaw jintuzaw. Din ġiet milqugħa bi qbil unanimu.

70.4.13 Il-membri ġew infurmati li l-pagamenti tal-kultura ġie imħallas għalhekk il-fondi inġabru kollha , il-fondi inġabru kollha minbarra mija u għoxrin ewro (€120). Irċivejna b'kollox mir-Reġjun t'Għawdex ħamsin elf u tlett mija u tmenin ewro ( €50,380).

70.4.14 Is-sindku wera ix-xewqa li jintroduċi servizz lil- anzjani għal-erbgħat Ta' Pinu u għal-appuntamenti l-isptar u il-klinika tal-Belt Victoria. Ġie deċiz li din issir filgħodu u jekk ikun hemm talba għas-servizz filgħaxija niddiskutuwa biex naraw xi jkun possibli. Saret talba lis-sur Leli Mintoff biex juri lil handyman kif taħdem l-van u ftit informazzjoni fuq batterija, charging, etc dan ma kellemnix lura u għalhekk ser issir kuntant ma Godnic Garage.

70.4.15 Xewqa oħra li wera is-sindku hi dik li jingħata bidu għad-Day Centre mix-xahar id-dieħel. L-pjan hu li nibdew attivita kull ħmistax, inġibu speaker differenti u noffru kafe' u xi ħaġa tal-ikel, irridu naraw li ma nipjanawx fl-istess ġimgħa li jkum hemm l-attivita tal-parroċċa. Ser jsir tentattiv li tiġi organizzata waħda fit-tielet jew ir-raba' gimgħa ta' Mejju.

**70.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

70.5.1 Wara mistoqsija dwar il-proġett ta' taħt r-railing is-sindku inform lil membri li, l-clearance mil- Cultural Heritage ilha aktar minn ħmistax li ħarġet biex ix-xogħol jista jitkompla. Ix-xogħol ma tkomplix, is-Sindku għamel diversi tentattivi biex jikkuntatja lill kuntrattur, izda dan qattt ma wieġeb u għalhekk is-sindku ipropona li tintbgħat ittra bonarja b' avukat. Dan id-dewmien qed joħloq inkonvinjent kbir lir-residenti biex jidħlu ġewwa darhom u hemm ukoll l-kwistjoni ta jekk jinħoloq xi inċident minn se jkun responsabli. Is-sindku fakkar lill membri li fil-25 ta' Marzu saret laqgħa mal-perit Bezzina, il-kuntrattur u l-arkeoloġista, is-sur Grima, kif ser jitkompla dan ix-xogħol. Dakinhar is-sindku qal lill kuntrattur biex ma jaqlax aktar qabel ma titlesta tal anqas bil konkos il-part li tinsab maqlugħa. F' dan il-proġett ser ikun hemm ukol spejjez addizjonali minħabba il-gandott li jrid jinkesa bil-konkos. Il-perit Bezzina tana l-parir nitolbu l-ministeru ta' Għawdex biex naraw jistax jgħin fl-ispejjez addizzjonali. Intlaħħaq qbil li l-ittra bonarja tintbgħat u l-avukat ser ikun Dr. Chris Said.

**70.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

70.6.1 L-performance appraisal ta' Mr. Joseph Bajada minn Jannar sa April 2023 ġie mogħti 6% u minn Mejju sa Diċembru ġie mogħti 5% u dak ta' Ms. Miriam Muscat minn Jannar sa April 2023 ġiet mogħtija 6% u minn Mejju sa Diċembru 2023 fejn ġiet mogħtija 6% ukoll. Dawn ġew ikonfermati mill-membri prezenti, dawn ġew ikkonfermati mill-ex-Segretarju Exekuttiv u mill-Aġent Segretarju li damet fil-kariga sat-8 ta' April

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

70.6.2 Charging pillars – biex nikonfermaw minn naħħa tal-kunsill li s-siti proposti. Wara kuntatt mal-kunsilliera bit-telefown sar qbil li nikonfermaw l-pjan propost peress li kien hemm żmien limitat. Dawn ser issiru wieħed ħdejn l-ufficju tal-Kunsill u l-ieħor fi Triq J. Gaspard Le Merchant n-naħħa ta ġew, ħdejn l-Belvedere.

70.6.3 ĊirkulariAKL 2024/026 bis-suġġett "RIGHTS Training– Second Round sessjonijiet ġewwa Għawdex _ Kunsill Lokali Qala'.

70.6.4 Ċirkulari AKL 2024/027 bis-suġġett 'Stedina mid-Dipartiment għax-xogħolijiet Pubbliċi'.

70.6.5 Reġjun Għawdex – Kazin 60 + Gambori festival – talba għal użu tas-sala bejn Mejju, Ġunju u Settembru – aktar informazzjoni trid tiġi mitluba biex il-kunsill jkun f' pozizjoni li jagħti tweġiba.

70.6.6 MIEMA – EU Climate Pact National Event – 8th May 2024 – Invite – Local Councils – at Radisson Blu Golden Sands.

70.6.7 Urban Mobility – New EIT Urban Mobility Opportunities and Calls

70.6.8 Stedina – Serata ta' Kommemorazzjoni 45 sena Jum il-Ħelsien – 23 ta' April ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta

70.6.9 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-sitwazzjoni li kien hemm qabel ma bdiet is-segretarju ezekuttiv dwar l-impjegati tal-Kunsill Lokali Fontana – il-president Mr. Mario Fava issugerixxa jekk hux il-kaz li nikkunsidraw li toħroġ RfQ għal perjodu limitat ta' 3 xhur contract ofr service bħala part timer sakemm jiġi ngaġġat xi ħadd. Dan ġie irrakomandat bħala soluzzjoni temporanja imma dan irrid issir b'diskussjoni mad-Diviżjoni u tinġab approvazzjoni. Il-kunsill kien approva li toħroġ sejħa "Part-Time".

70.6.10 Korrispondenza bid-data ta 1 ta' April, 2024 tikkonferma dak li tgħid id DIER li ħaddiema part time mhux intitolati ħlas ta overtime. Overtime jitħallas biss meta jinqabżu l-erbgħin (40) siegħa. Dan bħala tweġiba għat-talba li kienet saret mil-ex skrivana tal-kunsill, Ms. Miriam Muscat ftit jiem qabel spiċċat l-impjieg tagħha.

70.6.11 Mistoqsija Parlamentari Nru. 17560 (Għawdex – Kunsilli Lokali – Tower Cranes – L-amont ta' kemm il-talba kien hemm u l-ammont ta' kemm kien hemm miżati mħallsa fis-sena 2020, 2021, 2022, 2023 u bejn Jannar u Marzu 2024);

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

70.6.12 Mistoqsija Parlamentari Nru. 18117 (Ġbir tal-iskart domestiku – Nefqa mis-sena 2019 sas-sena);

70.6.13 Sorting of Voting Documents by Police Officers – bejn 27 ta' April sal-11 ta' Mejju għall-Fontana u San Lawrenz;

70.6.14 Final Remider – Small Grants Scheme Final Conference – 25th April.

70.6.15 Ilment – dwar siġra fil-bidu tat-Triq tal-Mulejja – ġiet irrapurtata lil Community Police li din tista tikkawza xi inċident. L-pulizija tkellem mar-residenta u suppost ser tiġi mizbura. L- pulizija talab konferma mill-ERA li din it-tip ta siġra tista tiġi mizbura, dawn ikkonfermaw u korrispondenza bil-miktub intbgħatet lil-kunsill.

70.6.16 Ilment ieħor li ġie irrapurtat dalgħodu hu rigward mera imwaħħla fuq arblu ġewwa Triq L-Isptar San Ġiljan. Is-sid tad-dar lest li l-mera titwaħħal mal faċċata tad-dar tiegħu u jitneħħa l-arblu li jistaw jaħbtu miegħu n-nies. Il-kunsill qabel, għalhekk ser jittieħdu passi biex issir dan;

70.6.17 Ilment minn residenta dwar parking u sitważżjoni ta parkeġġ mal-persuna li toqgħod faċċata tad-dar tagħha. Hi tatna kopja tal-ilment u ħalliet kopja oħra lil community police. Il-laqgħa mal-community police kienet dakinhar stess u aħna għaddejna l-ittra u l-informazzjoni kollha lil pulizija biex jieħdu ħsieb din is-sitwazzjoni peress li taqa fir-responsabilita tagħhom;

70.6.18 Il-kavallier Mr. Joe M. Attard bgħat poeżija għal festa tal-Qalb ta Ġesu 2024.

### 70.7 Ħatra ta Deputat Segretarju;

70.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi offra lis-Sinjura Josianne Cassar jekk hiex interessata li tokkupa ir-rwol ta Deputat Segretarju u hi aċċetat. Il-proċess jista jibda mad-dipartiment. Dan irid jiġġeded kull tlett (3)xhur.

### 70.8 Restawr tal-Istatwa ta' San Pietru San Pawl;

70.8.1 Proġett tar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl – is-sindku informa lil membri li rċivejna żewġ kwotatzzjonijiet Wieħed bil-VAT, bl-insurance ta l-statwa u tal-knisja ta ħames t'elef ewro (€5,000.00) kull statwa inkluz ukoll l-armar. Is-sindku infurmah li jekk tingħata lil din il-persuna ix-xogħol fuq l-ewwel statwa jrid jitlesta sa l-20 ta' Mejju minħabba li tkun trid tintrama l-knisja għal-festa. Il-perita irrakomadat lil din il-persuna (Mr. Joe Grima). Is-sindku prova jikseb il-prezz ta erba' t' elef u ħames mitt ewro (€4,500.00) izda dan il-prezz ma ġiex aċċettat.

Il-proċess jitlob li jinstab restawratur minn tlieta li jiġu irakomandati mill-awtoritajiet biex jikonferma ix-xogħol f'diversi stadji. Il-kunsill qabel.

**70.9 Sitwazzjoni tal-proġetti tal-Kunsill ;**

70.9.1 Il-proġett tal-Playingfield – nhar il-Ġimgħa li għaddiet twaħħlet il-bandla, l-għaxar bankijiet u l-gym equipment. Jonqos li nwaħħlu l-playhouse, nagħmlu kuntatt ma Mr. Bianco li kien issuplixxa l istess struttura. Mr. Bianco kien tagħna stima ta madwar xi sebgħa mija u sebgħin ewro (€770.00) biex jerġa jwaħħala. Is-sindku ipropona li nixtru xi tip ta bandla oħra biex nimlew l-spazju li baqa vojt fuq in-naħħa ta wara. Madwar ħmistax ilu talab stima fuq żiemel u ġie ikwotat il-prezz ta ftit aktar minn sebgħa mitt ewro (€700.00), stimi li inghata illum mingħand kumpaniji oħra kienu bejn elf u mitejn ewro (€1,200.00) u elf u erbgħa mitt ewro (€1,400.00). Sar tentattiv mis-sindku biex jingħata prezz aħjar fuq dawn l-bandli imma ma ġiex aċċettat, kif ukoll biex jara kienhux in stock. Il-membri prezenti qablu li naraw jekk dak ta sebgħa mitt ewro (€700.00) għadux in stock. Is-segretarju ser jibgħat b' email bl-istampa taż-żiemel flimkien mal-prezz ikwotat lil membri filwaqt li nikkuntatjaw lil Desmond Mizzi biex naraw għadux in stock. Trid issir ukoll manutenzjoni tal-gym equipment. Sar qbil li jitqabbad Michael l-Olandiz.

70.9.2 Il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku qed jitkompla. Il-perit talab laqgħa mas-sindku u s-sinjura Ms. Josianne Cassar, l-engineer Simon Mizzi rappreznṭant tal- kumpanija Little Quarry Ltd, peress li jrid jibni ħajt man-naħħa tas-sala biex il bejt ma jiġbidx u jagħmel kolonna fin-nofs fejn ġejja l-kamra l-kbira (sala), kif ukoll l-culvert. Dan iż-żmien l-culvert irrid issir skond il-liġi biex jgħaddu is-servizżi minnu; il-kunsill qabel li isir dan ix-xogħol kif hemm bzonn.

**70.10 Għoti ta quotation u offerti ;**

70.10.1 Is-sindku informa lil membri li saret il-laqgħa dwar il-quotation tal-ktieb. L-ewwel offerta twaqqat għal fatt li meta ġie mistoqsi mic-chairman, Mr. William Sultana u l- kjarifika ma kienitx tisodisfa l-kriterji mistennija biex nassiguraw li l-prodott jkun ta kwalita. Bi qbil unanimu l-membri qablu li jingħata lil dak li ġie fit-tieni post, li hu Gutenberg Press.

**70.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 52/2024 għal perjodu ta' bejn is-19 ta' Marzu 2024 u t-22 ta' April 2024 li tammonta għal €20,018,00 ġiet

approvata u ffirmata.  Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Marzu.

**70.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-3.55pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta'Mejju 2024 fis-2.00 ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 27 ta' Mejju, 2024

Saviour Borg
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA